PARLAMENT TA' MALTA

IT-TNAX-IL LEĠIŻLATURA

# P.L. 6645

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 362 tad-29 ta' Frar 2016 mill-iSpeaker, l-Onor Anġlu Farrugia.

______________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**PAKKETT FINANZJARJU TAL-AWDITUR ĠENERALI, TAD-DEPUTAT AWDITUR ĠENERALI U TAL-ĦADDIEMA TAL-UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA**

**18. L-ONOR LUCIANO BUSUTTIL jistaqsi lill-iSpeaker:** B'referenza għat-tweġiba mogħtija għal mistoqsija parlamentari lill-Ispeaker dwar pakkett finanzjarju sħiħ tal-Awditur Ġenerali u Deputat Awditur Ġenerali li ngħatat f'Seduta 359 tat-22 ta' Frar 2016, jista' l-Ispeaker jagħti lista u ammonti relatati ta' *allowances* u perkaċċi fil-pakkett ta' dawn l-uffiċjali tal-Parlament?

**19. L-ONOR LUCIANO BUSUTTIL jistaqsi lill-iSpeaker:** B'referenza għat-tweġiba għal mistoqsija parlamentari lill-Ispeaker dwar lista ta' persuni impjegati mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u informazzjoni oħra relatata li ngħatat f'Seduta 359 tat-22 ta' Frar 2016, jistax l-Ispeaker jitlob lill-Awditur Ġenerali biex iwieġeb din il-mistoqsija bl-istess mod li l-Gvern ikun mitlub li jippubblika informazzjoni simili f'isem it-trasparenza? Iħossx l-Ispeaker li din l-informazzjoni dwar użu ta' fondi pubbliċi m'għandhix titqies bħala kunfidenzjali iżda tingħata pubblikament, fid-dawl li l-uffiċjali tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika huma uffiċjali pubbliċi u allura soġġetti għal skrutinju pubbliku u jwieġbu lil dan il-Parlament?

23.02.16

**SPEAKER:** Bi tweġiba għaż-żewġ mistoqsijiet murija hawn fuq, qed nirriproduċi t-tweġiba li s-Sedja rċeviet mingħand l-Awditur Ġenerali:

Il-pakkett tal-impjegati tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika hija materja pubblika. Il-kontijiet tal-Uffiċċju huma verifikati minn Awdituri privati. Huma jiġu diskussi u approvati fil-Kumitat tal-Kontijiet tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

L-Uffiċċju ma jħossx li jkun sewwa u xieraq li tingħata lista bi-ismijiet tal-impjegati, madanakollu qed tingħata b'mod kunfidenzjali, kopja tal-Ftehim Kollettiv kurrenti lill-Onor. Interpellant u qed nġeddulu l-istedina sabiex meta jista', l-Onor. Membru jżur l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika sabiex jingħata l-informazzjoni kollha, inkluż dik l-informazzjoni mitluba dwar l-Awditur Ġenerali u d-Deputat Awditur Ġenerali.

Seduta 362
29.02.16